MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 526/2004

Tiziana **Pane'**

vs

Antonio **Pane'**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Lulju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attrici talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek wettaq spoll billi ċaħħadha mill-pussess u konsegwenti aċċess għad-dar li hija kienet tipposjedi, meta kontra r-rieda tiegħha, fil-21 ta' Mejju, 2004, biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tal-istess fond li jinsab f'numru tlieta u ghoxrin (23) Triq Ġorġ Borġ Olivier, fir-Rabat; (b) tordna lill-imħarrek biex, fiż-żmien qasir u

perentorju li l-Qorti jogħġobha timponilu, jerġa' jqiegħdha fil-pussess u b'hekk jagħtiha l-aċċess sħiħ għall-imsemmija dar, u dan billi jagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u li l-Qorti tista' tordnalu jagħmel; u (ċ) f'każ li l-imħarrek jonqos li jwettaq dak lilu ordnat fiż-żmien lilu mogħti, tagħtiha s-setgħa li tagħmel hi, bi spejjeż tal-imħarrek, dak kollu meħtieġ biex tieħu lura l-pussess, jekk meħtieġ bis-sorveljanza ta' perit li l-Qorti jogħġobha taħtar għal dan il-għan. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Awwissu, 2004[1], li bih ordnat in- tat direttivi lill-attrici dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fis-26 ta' Ottubru, 2004[2], li magħha kien hemm mehmuża xhieda bl-affidavit tagħha u ta' xhud oħrajn imressqin minnha u kif ukoll għadd ta' provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2004[3], li bih ordnat in-notifika tal-Atti tal-kawża lill-imharrek u biex iressaq il-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-7 ta' Jannar, 2005, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li hu ikkommetta spoll bi ħsara għall-attriċi; ċaħad li l-attrici qatt kellha l-pussess legali tal-fond *de quo* u billi ċaħad l-allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' access ghall-fond *de quo*. Qal li ż-żamma tal-post taħt sempliċi tolleranza min-naħa tiegħu ma jagħtix lill-attriċi jedd li tmexxi 'l quddiem din il-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fil-31 ta' Jannar, 2005[4], li magħha kien hemm mehmuża x-xhieda bl-affidavit tiegħu u ta' xhud tiegħu u kif ukoll għadd ta' provi dokumentali;

---

[1] Pag 5 tal-process
[2] Paġġ. 7 sa 30 tal-proċess
[3] Pg 31 tal-process
[4] Paġġ. 40 sa 71 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2005[5], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Seduta (*pretrial*) billi ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju tagħha l-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tirregola s-smigħ f'dak l-istadju;

Rat il-verbali u x-xhieda miġbura mill-Assistent Ġudizzjarju skond l-imsemmi degriet;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2006[6], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2007[7], li bih u fuq talba magħmula mill-partijiet b'rikors tagħhom tat-8 ta' Novembru, 2006, ippermettiet li l-partijiet jingħataw smigħ wieħed biex jagħlqu l-provi li kien fadlilhom permezz ta' kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' April, 2007, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li, minkejja ż-żmien mogħti, l-ebda parti ma ressqet sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġjat. L-attriċi tgħid li missierha, l-imħarrek, għalaqha barra milli tidħol fid-dar taż-żwieġ tal-ġenituri tagħha u kontra r-rieda tagħha, u dan billi lejn l-aħħar jiem ta' Mejju tal-2004, biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tal-imsemmija dar li, sa dak inhar, it-tnejn li huma kellhom kopja taċ-ċavetta li biha

[5] Paġ. 73 tal-proċess
[6] Paġ. 131 tal-proċess
[7] Paġ. 141 tal-proċess

setgħu jiftħu dak il-bieb. Trid li l-imħarrek jerġa' jagħtiha aċċess għall-istess post u li jqiegħed kolox kif kien dak inhar li bidel is-serratura, jekk hemm bżonn billi l-Qorti taħtar perit biex jara li dan isir;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ċaħad li huwa wettaq spoll, billi hi ma kellhiex pussess tiegħu u kienet tidħol fih biss b'sempliċi tolleranza min-naħa tiegħu. Ċaħad ukoll li l-attriċi tassew kienet tgħix fil-post u l-allegazzjonijiet tagħha dwar l-aċċess għalih;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi hija bint l-imħarrek. Il-ġenituri tal-attriċi żżewġu f'Jannar tal-1982 u l-attriċi twieldet f'Settembru tal-1985[8]. Fi Frar tal-1989, l-imħarrek u martu xtraw il-post 23 (illum 53), Triq Ġorġ Borġ Olivier, Rabat biex jgħixu fih bħala d-dar taż-żwieġ tagħhom. Sa dak iż-żmien kienu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tal-mara f'numru 21 (illum 49) fl-istess triq. Wara li tlewmu, l-ġenituri tal-attriċi għamlu żmien jgħixu għal rashom, b'omm l-attriċi u ż-żewġ uliedha jibqgħu jgħixu fid-dar taż-żwieġ. Wara xi żmien, l-imħarrek ġie lura Malta u hu u martu qatgħuha li jerġgħu jingħaqdu u jgħixu flimkien[9]. Wara li reġa' nqala' l-għawġ, infirdu iżda baqgħu jgħixu taħt saqaf wieħed fl-imsemmi post flimkien ma' wliedhom;

Illi l-ġenituri tal-attriċi nfirdu bonarjament bis-saħħa ta' kuntratt ta' firda personali fit-28 ta' Ottubru, 1999[10]. Fost il-kundizzjonijiet tal-firda, kien hemm dik li d-dar ma kellhiex tibqa' titqies bħala d-dar taż-żwieġ u li l-ġid immobbli bejn il-miżżewġin kellu jibqa' miżmum flimkien, filwaqt li l-imħarrek ried joħroġ mid-dar saż-żmien miftiehem għalkemm kellu jerfa' l-piż tal-ħlas tad-djun fuq id-dar, għalkemm kien ingħata l-użu esklussiv tal-*garage* li jagħmel mill-istess dar. Għall-ewwel, l-imħarrek baqa' jgħix ma' martu fid-dar minħabba li ma kellux fejn imur, iżda wara li l-ġenituri ta' martu offrew li jmur joqgħod għandhom, hu ħareġ mid-dar u mar jgħix fil-post numru 21. F'Ottubru tal-2001, mart l-imħarrek assenjat kull

[8] Dok "DM", f'paġ. 119 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Maria Assunta Pane' 11.10.2004, f'paġ. 12 tal-proċess
[10] Dok "AP1", f'paġġ. 54 sa 61 tal-proċess

sehem li hija kellha mid-dar u l-garaxx lill-imħarrek b'kuntratt pubbliku[11] u irrinunzjat għal kull jedd ta' abitazzjoni u aċċess li seta' kellha sa dak inhar favur żewġha. L-imħarrek baqa' jħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma;

Illi sadattant, kemm l-imħarrek u kif ukoll martu kienu marru joqogħdu band'oħra u jgħixu l-ħajja tagħhom. F'xi żmien fl-2003, l-attriċi tlewmet m'ommha u telgħet toqgħod mill-ġdid ir-Rabat. L-imħarrek jgħid li marret toqgħod man-nanniet materni tagħha fil-post numru 21[12] waqt li hu kien għadu joqgħod hemm ukoll;

Illi wara li ma baqax jgħix aktar fir-Rabat u mar joqgħod Wied il-Għajn, l-imħarrek beda jaħseb biex ibiegħ id-dar. F'Novembru tal-2003[13], l-attriċi ħadet għandha żewġt iġriewi mingħand l-S.P.C.A. biex trabbihom u żammithom fil-post mertu tal-każ;

Illi lejn il-bidu ta' Mejju tal-2004, ir-rapporti bejn l-attriċi u l-imħarrek missierha ħżienu u t-tnejn li huma kienu jagħmlu rapporti dwar xulxin fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat. Fit-13 ta' Mejju, 2004, l-imħarrek mar fl-Uffiċċju Elettorali biex jitlob li isem bintu l-attriċi jitneħħa mill-post u jkun reġistrat fil-post numru 21[14]. Huwa biddel is-serratura tal-bieb tad-dar u nqala' l-ġlied mal-attriċi li ma riditx toħroġ mill-post. Reġgħu nkitbu ittri mill-partijiet (jew l-avukat tal-attriċi) lill-Uffiċċju Elettorali b'xiljiet dwar min kien tassew joqgħod fejn. Fil-21 ta' Mejju, 2004[15], l-imħarrek ħa l-klieb lura għand l-S.P.C.A., u wara ftit jiem l-attriċi marret tarahom hemmhekk iżda ma kinitx f'qagħda li terġa' toħodhom magħha[16];

Illi l-kawża nfetħet fid-19 ta' Lulju, 2004;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jirrigwardaw il-każ u tqis kif dawn japplikaw għall-

[11] Dok "AP2", f'paġġ. 62 – 8 tal-proċess
[12] Affidavit tiegħu, f'paġ. 46 tal-proċess
[13] Dok "CS", f'paġ. 84 tal-proċess
[14] Xhieda ta' George Saliba 20.6.2005 u Dok "GS"), f'paġġ. 104 u 86 tal-proċess
[15] Dok "CS1", f'paġ. 85 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Christel Sellis 20.6.2005, f'paġ. 102 tal-proċess

azzjoni attriċi. L-azzjoni mibdija mill-attriċi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess ta' dak li jkun;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[17] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn meta jsir l-att ta' spoll;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[18]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[19], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[20] u dak tal-ispoll[21]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[22];

Illi f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-attriċi kienet tidħol x'ħin trid fil-post u l-istess imħarrek jagħraf dan il-fatt. Huwa xehed ukoll li bintu kienet tidħol fih biex taħsel il-ħwejjeġ u kienet iżżomm fil-bitħa tiegħu żewġt iklieb tagħha li kienu għadhom hemm meta huwa biddel is-serratura tal-istess post;

Illi waħda mid-difiżi li jqajjem l-imħarrek hija li ż-żamma min-naħa tal-attriċi kienet biss b'tolleranza;

---

[17] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)

[18] App.: **26.1.1996** fil-kawż\a fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)

[19] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***

[20] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)

[21] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J.Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);

[22] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);

Illi huwa magħruf li dwar għamla ta’ żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[23], u dan minħabba li l-liġi nnifisha[24] tagħmilha ċara li żamma b’sempliċi tolleranza ma tiswiex biex wieħed jikseb il-pussess;

Illi, madankollu, allegazzjoni bħal din trid tiġi ippruvata minn min jallegaha imqar fuq bażi *prima facie*[25]. Ghalhekk, jekk kemm-il darba t-tolleranza ma toħroġx mad-daqqa t’għajn, u għalhekk tkun eskluża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ jedd ta’ azzjoni ta’ spoll imsejsa fuqha ma tibqax aktar ammissibbli[26]. Wieħed ma jridx jinsa li dan l-istħarriġ irid isir dejjem fil-qafas tal-indaġni “*limitatissima, rigoruża u skarna*”[27] li l-azzjoni ta’ spoll iġġib magħha. Huma meqjusin bħala atti ta’ sempliċi tolleranza dawk imnissla “*nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollerache altri faccia sulla cosa che ci appartiene cio’ che non avrebbe diritto alcuno di farvi*”[28]. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun żamma b’sempliċi tolleranza dik fejn il-ħaġa tkun miżmuma b’sempliċi korteżija jew fejn ħaddieħor ikun jista’ jirtiraha x’ħin irid[29]. B’żieda ma’ dan kollu, jingħad ukoll li l-għemejjel ta’ sempliċi tolleranza għandhom xejra ta’ transitorjeta’ u saltwarjeta’[30]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f’azzjoni ta’ pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m’għandhiex normalment tiġi meqjusa[31];

Illi l-partijiet bnew biċċa sewwa mill-każ tagħhom fuq il-kwestjoni dwar jekk l-attriċi kinitx tassew tgħix fil-post jew le. L-attriċi tgħid li dak il-post kien darha, filwaqt li missierha l-imħarrek jiċħad li dak kien il-każ. Il-Qorti

---

[23] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)
[24] Art. 526 tal-Kap 16
[25] P.A. **27.5.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.608)**
[26] App. Ċiv. **28.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.i.245**)
[27] App. Ċiv. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Falzon vs Joseph u Maryanne konjuġi Camilleri*** (mhix pubblikata)
[28] Ricci, Corso di Diritto Civile (Vol V, pag. 73)
[29] App. Ċiv. **2.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Carabott*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.315)**
[30] App. Inf. **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Cuschieri et vs Anġlu Ċilia***
[31] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija

jidhrilha li l-kwestjoni dwar jekk il-pussess tal-attriċi tal-post kienx wieħed li jistħoqqlu l-ħarsien tal-azzjoni li mexxiet 'il quddiem, ma tiddependix minn jekk il-post kienx tassew id-dar fejn toqgħod. L-azzjoni ta' spoll ta' post mibni ma tistrieħx tabilfors fuq iċ-ċirkostanza jekk min ikun jgħixx f'dak il-post jew le. Għall-finijiet tal-azzjoni li għandna quddiemna, l-pussess ma jfissirx residenza;

Illi lil hinn mill-provi konfliġġenti li tressqu biex juru li l-attriċi kienet tuża indirizz u ieħor (bħalma jirriżulta li kien il-każ ta' missierha), il-Qorti ssib li ż-żamma li kellha l-attriċi kienet xi ħaġa aktar minn sempliċi żamma b'tolleranza. Kien pussess muri wkoll fil-konfront tal-imħarrek, tant li xehed li hu kien ilu xi żmien jitlobha tneħħi l-klieb mill-bitħa u tneħħi ħwejjiġha mill-post, l-aktar fiż-żminijiet li hu kien qed jipprova jbiegħu;

Illi jirriżulta li sal-lum l-attriċi baqgħet ma ngħatatx il-pussess, la sħiħ u lanqas f'parti, li kellha sa dak inhar li nbidlet is-serratura. Hija ħaġa ċerta li, hu x'inhu l-istat tal-post, l-attriċi kienet tgawdih għall-iskopijiet li kellha;

Illi għalhekk, filwaqt li l-Qorti tqis li l-pussess li kellha l-attriċi kien wieħed li l-liġi tħarsu, qiegħda ssib li l-eċċezzjoni tal-imħarrek li l-pussess kien żamma b'sempliċi tolleranza m'hijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[32]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[33];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-parti attriċi jew li fih hija ġġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-

[32] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[33] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe*** (mhix pubblikata)

għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tagħha jew mingħajr ma titħalla tintebah bih[34];

Illi f'dan il-każ, intwera li l-għamil li minnu tilmenta l-attriċi seħħ għal kollox kontra r-rieda tagħha. Meta ommha għarrfitha x'kien għaddej, hija marret fuq il-post u sabet lil missierha jibdel is-serratura u daħlet fil-post u ma reditx toħroġ minn hemm ġew qabel ma jagħtiha kopja taċ-ċavetta l-ġdida. Kellha toħroġ minn hemm bil-forza. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati f'Ġunju ta' dik is-sena li ħa l-liġi b'idejh[35]. Kif ingħad aktar 'il fuq, l-imħarrek stqarr li kien hu li bidel is-serratura tal-bieb;

Illi huwa magħruf illi għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[36]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[37], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[38]. Għalhekk, l-argument tal-imħarrek li dak li għamel seħħ għax id-dar kienet kollha tiegħu u hu kien is-sid waħdien ma jiswielux biex jirribatti l-effett sanzjonabbli ta' dak li għamel;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti ssib li dan l-element fl-azzjoni attriċi huwa ippruvat;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux dubju għal dik li għandha tkun

[34] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[35] Xhieda ta' Spettur Geoffrey Ċilia 20.6.2005, f'paġ. 100 tal-proċess
[36] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[37] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[38] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***

it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[39];

Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-parti attriċi, sakemm ma jitqanqalx bħala eċċezzjoni mill-parti mħarrka;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-aspett tal-każ jidher li jistħoqqlu stħarriġ aktar b'reqqa. Għaliex biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jeżistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-parti attriċi naqset li tressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa, minkejja li jkun irriżulta li l-elementi l-oħrajn ġew ippruvati kif imiss;

Illi l-attriċi tgħid li l-episodju tal-bidla tas-serratura ġara fil-21 ta' Mejju, 2004. F'dik id-data hija għamlet ir-rapport tagħha fl-Għassa tal-Pulizija[40]. L-imħarrek ħa l-klieb għand l-S.P.C.A. dak inhar ukoll. Il-kawża nfetħet fid-19 ta' Lulju, 2004. Fuq dawn l-elementi waħedhom, ma kien ikun hemm l-ebda dubju li l-kawża nfetħet fiż-żmien u lanqas l-imħarrek ma qanqal kwestjoni dwar dan l-aspett;

Illi, madankollu, biex il-Qorti tkun semmiet kollox u minħabba li l-azzjoni ta' spoll hija waħda ta' ordni pubbliku, jirriżulta mill-provi li fit-18 ta' Mejju, 2004[41], l-avukat tal-attriċi bagħat ittra lil wieħed George Saliba tal-Uffiċċju Elettorali li fiha, fost l-oħrajn, b'riferenza għall-post mertu tal-kawża għarrfu li l-imħarrek kien "bi ksur tal-liġi qabad u bisel (*sic*) is-serratura tal-fond imsemmi fejn tgħix il-klijenta tiegħi u naqas milli jagħtiha ċ-ċavetta". Id-data tal-imsemmija ittra hija tlitt ijiem qabel ma l-attriċi tgħid li kienet il-ġurnata li missierha bidel is-serratura. L-avukat ma setax kiteb dak li kiteb bla ma qaltlu l-attriċi, u diġa' rajna li l-attriċi tgħid li kienet preżenti meta missierha kien qed ibiddel is-serratura;

---

[39] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)
[40] Dok "JC", f'paġ. 82 tal-proċess
[41] Dok "GS3" f'paġ. 90 tal-proċess

Illi għall-Qorti, dan ifisser li d-data msemmija mill-attriċi fl-Att taċ-Ċitazzjoni bħala dik li fiha sar l-ispoll hija kontradetta minn din il-prova. Ifisser ukoll li l-ispoll sar qabel it-18 ta' Mejju, 2004, u li l-kawża riedet tinfetaħ sa xahrejn minn dak inhar li sar l-ispoll. Il-kawża nfetħet fid-19 ta' Lulju, 2004, li kienet l-ewwel jum tax-xogħol wara tmiem il-ġimgħa, u li għalhekk kien ikun tajjeb li kieku ż-żmien legali kien jagħlaq fil-jumejn li ma kinux jum tax-xogħol[42]. Iżda l-liġi tgħid li fejn żmien legali jew ġudizzjarju jkun wieħed perentorju – bħalma hu ż-żmien biex titressaq azzjoni ta' spoll – m'huwiex mogħti t-tiġdid taż-żmien u l-att ikun irid jitressaq qabel jagħlaq dak iż-żmien[43], meta xi żmien ippermetti t-tiġdid taż-żminijiet legali jew ġudizzjarji. Dan ifisser, għalhekk, li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien lilha mogħti u b'hekk jiġi nieqes wieħed mill-elementi li titlob il-liġi biex tirnexxi l-azzjoni tal-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi jirriżulta li ma jeżistux l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex tirnexxi azzjoni bħal din;

**Tordna** li l-attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[42] Art. 108 tal-Kap 12
[43] Art. 106 tal-Kap 12